*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

## *KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

### AĠENDA NUMRU 10 – 22 ta' Jannar 2020

***Minuti tal-għaxar laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar l-22 ta' Jannar, 2020 fis-5:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-5:45 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 10. Il-laqgħa bdiet fis-5:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** **Ħadd**

**Assenti :** **Ħadd**

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 569191*

| | | |
|---|---|---|
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

**10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-minuti ta' Laqgha Nru 9 jiġu approvati. Huwa gie sekondat mill-Viċi-Sindku Mark Camilleri. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea irringrazzja lill-Viċi-Sindku Mark Camilleri għas-sehem tiegħu li ta f'Milied Zebbugi. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li jridu jittieħdu deċiżjonijiet dwar jekk hux ser isir Milied Zebbugi 2020, u jekk hux ser jinżamm fuq l-istess jumejn. Huwa qal ukoll li l-isponsors iridu jinġabru minn kmieni.

- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal ukoll li l-Kunsilli Lokali issa jaqgħu taħt il-Ministeru ta’ Jose Herrera. Is-Sindku qal ukoll li diġa għaddejjin kuntatti mal-Ministru Julia Farrugia sabiex jingħataw fondi għall-Heritage Trail.
- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal ukoll li ser ikun hemm laqgħa mal-Periti tal-WSC li qed jaghmlu x-xogħol fi Triq tar-Ramel, sabiex il-Kunsill ikun infurmat kif ser isir ix-xogħol.
- Is-Sindku Malcolm P. Galea qal ukoll li deċiżjoni dwar Philip Gatt trid tittieħed fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Huwa qal ukoll li ser jaghmel l-esseri tiegħu sabiex il-ħaddiema tal-manutenzjoni jagħtu aktar servizz tajjeb.
- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li l-Kunsillier Steve Zammit Lupi rcieva korrispondenza mingħand l-Avukat Claire Bonello dwar il-proġett li għaddej bħalissa f’Wied Qirda u dwar kif jista jsir appell quddiem Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li m’għandux ikun wieħed mill-appellanti anke fid-dawl li deċiżjoni kellha tittieħed san-nofsinhar tal-għada iżda jekk individwalment il-Kunsilliera xtaqu li jagħmlu oġġezzjoni, huma jistgħu jagħmlu hekk. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li hu ser jingħaqad mal-NGO u appellanti oħra sabiex jitressaq dan l-appell.

Il-laqgħa ġiet sospiża bejn 6:45pm u 6:50pm. Il-Kunsillier David Battistino flimkien mal-Kunsilliera Kevin Glynn u George Cortis, qal li huwa jaqbel li għandu jsir dan l-appell. Huwa tenna jgħid li l-NGOs ser jiehdu l-pożizzjoni tagħhom u n-nies ser isaqsuna x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku Dr. Malcolm Paul Galea qal li jiddispjacih li Wied Qirda qed jintuża bħala ballun politiku. Huwa qal ukoll li l-Kunsill ġie notifikat tard u diffiċli sabiex il-Kunsill jieħu pożizzjoni f'anqas minn tnax-il siegħa,

Il-Kunsillier Patrick Bonnici qal li kwalunkwe pożizzjoni li tittieħed mill-Kunsill m'għandhiex tiddaħħal politika fiha. Il-Kunsillier Patrick Bonnici qal li l-Kunsill jeħtieġ li jkun jaf x'rappreżentazzjoni ser issir minn Dr. Claire Bonello f'isem l-NGO qabel ma tittieħed pożizzjoni.

Fit-tmiem tad-diskussjoni dwar din ir-rapreżentazzjoni, il-Kunsill qabel li għalissa ma tittieħed l-ebda pożizzjoni bħala kunsill, anke fid-dawl li l-Kunsill jista jingħaqad aktar tard bħala *co-apellant*. Madanakollu il-kunsilliera xorta huma liberi li jappellaw individwalment.

- Dwar talba għall-tower crane li kien hemm ġewwa fi Vjal il-Ħelsien, il-Kunsill qabel unanimament li dan ma jistax jintrama minħabba li ser ikun qed jostakola karreġġjata.

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 569191*

**10.4 Rendikont Milied Żebbuġi;**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea rringrazzja lill-Kumitat li evalwa l-kompetituri li ħadu sehem fil-kompetizzjoni tal-presepji li kien iffurmat mill-Viċi-Sindku Mark Camilleri, l-Kunsilliera Steve Zammit Lupi u David Battistino, kif ukoll minn Robert Balzan. Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri ħabbar li l-ewwel post intrebaħ minn Joseph Micallef, it-tieni post minn Charmaine Buhagiar Inguanez u t-tielet post minn Peter Cachia.

Dwar spejjeż relatati ma' Milied Żebbuġi, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kwalunkwe spiża relatata ma' din l-attivita ser tkun b'kulur differenti fil-vot tal-flus.

Sadanittant il-Kunsill qabel li s-Sibt tal-Karnival il-Kunsill jagħlaq il-pjazza bejn is-7pm u l-10pm sabiex il-pjazza tkun pedonali. Il-każini ser ikunu nfurmati b'dan.

**10.5 Performance Bonus u Riżorsi Umani**

Wara diskussjoni ġie maqbul l-impjegati tal-Kunsill jingħataw full peformance bonus. Ġie deċiż ukoll li Lona Lia u Robert Tabone jitilgħu skala; Lona Lia (skala 10 l-ogħla livell tal-iskala) filwaqt li Robert Tabone skala 11 (l-ogħla livell tal-iskala).

**10.6 Bonnici Bros. Vs. Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li ser ikollu laqgħa mal-accountant Paul Bugeja sabiex il-Kunsill jara kif jistgħu isiru ħlasijiet fid-dawl li ma ntbagħtet l-ebda risposta dwar self

mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Huwa qal li jixtieq li tul it-terminu tiegħu il-pożizzjoni finanzjarja tinqalab għal dik ta' surplus.

**10.7 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Fuq talba tal-Kunsillier George Cortis sabiex ssir aktar fonda toqba għall-arblu ħdejn Santa Marija, is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea li ser tintbagħat talba lill-Works sabiex din titwessa u tinżel għal metru fond.

**10.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Wara diskussjoni, fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea li ġiet sekondata mill-Viċi-Sindku Mark Camilleri, l-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata kif preżentata unanimament.

**10.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill spiċċat fit-8:30pm u ġiet aġġornata sine die.

**Dr. Malcolm P. Galea** — **Paula M. Valletta**

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

,